MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 991/1992/1

**Baronessa Maria Testaferrata Bonici, armla, Beatrici Testaferrata Moroni Viani, xebba, l-Markiza Agnese Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, mart Alfred Gera de Petri u l-istess Alfred Gera de Petri bhala amminstratur tal-beni parafernali tal-istess martu, Anna Maria Spiteri Debono sew proprio kif ukoll bhala prokuratrici tal-Kontessina Karen Preziosi u John Spiteri Debono bhala amminsitratur tal-beni parafernali ta' martu**

**v.**

**Francis Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma sofrew serqa ta’ diversi oggetti li taghhom huma l-proprjetarji mill-fond *Ædes Danielis*, Zejtun f’Jannar 1980 u f’Awissu, 1981; li dawn l-oggetti gew misjuba fil-pussess tal-konvenut mill-Pulizija, li elevat l-istess oggetti flimkien ma’ ohrajn ta’ terzi, li lista taghhom qedgha tigi annessa bhala Dok A; li l-Pulizija qedgha takkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati lill-konvenut bir-reat ta’ serq jew ricettazzjoni tal-oggetti li gew misruqin minn ghandhom; li l-oggetti li gew misruqa minn ghand l-atturi, jinsabu flimkien ma’ oggetti ohrajn, proprjetà ta’ terzi, esistenti (*sic*) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta); li kif jigi approvat (*sic*) fit-trattazzjoni tal-kawza l-konvenut huwa responsabbili tas-serq jew ta’ ricettazzjoni tal-oggetti elenkati fid-Dokument A; li minhabba s-serq jew ricettazzjoni tal-oggetti fuq imsemmija l-konvenut ikkaguna danni lill-atturi; talbu ghaliex: 1. m’ghandux jigi determinat minn dik il-Qorti liema oggetti elenkati fid-Dok A huma proprjetà tal-attur (*sic*); 2. m’ghandux il-konvenut jigi ikkundannat illi jirrestitwixxi lill-atturi l-oggetti li jigu determinati minn dik il-Qorti li huma proprjetà tal-atturi u li gew elevati minn ghandhu mill-Pulizija; 3. m’ghandux il-konvenut jigi dikjarat responsabbili ghad-danni li soffrew l-atturi minhabba s-serq jew recitazzjoni (*sic*) tal-oggetti fuq imsemmija; 4. m’ghandhomx jigu likwidati l-istess danni jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominati minn dik il-Qorti; 5. m’ghandux il-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat ma’ din ic-citazzjoni kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Fl-ewwel lok, l-intempestività tal-azzjoni proposta, peress li kif jirrizulta mill-istess citazzjoni, l-oggetti huma mizmuma taht l-awtorità tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u dan in forza tal-ligi;

2. Certament it-tieni talba ma tistax tigi kunsidrata peress li fic-citazzjoni stess jinghad li l-oggetti jinsabu taht l-awtorità tal-Qorti;

3. Fit-tielet lok, il-fatti allegati huma infondati, peress li kif ghad irid jirrisulta quddiem il-Qorti kompetenti, l-esponent la seraq xejn u l-anqas kien ricettatur ta' xejn, izda dejjem akkwista skond il-ligi u in buona fede;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, 2001 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
**"il-kawza qed tigi deciza billi qed jigu milqugha t-talbiet attrici u michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ghalhekk:**

**(1) tiddikjara li l-oggetti elenkati fil-listi Dok. JP1 u JP2 huma proprjetà ta' l-atturi,**

**(2) tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi l-oggetti elenkati fid-Dok. JP1 u JP2 lill-atturi minghajr ma jigi indennizzat ghalihom,**

**(3) tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi meta laqa' ghandu *in mala fede* oggetti misruqin minghand l-atturi,**

**(4) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm64,870, u**

**(5) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma ta' Lm64,870.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut."**

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
**“<u>Dwar l-eccezzjonijiet preliminari</u>**

**“L-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut effettivament jittrattaw il-kwistjoni dwar jekk l-azzjoni hijiex intempestiva jew le. Mhuwiex kontradett li ghad hemm pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali appell minnu intavolat kontra sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-26 ta’ Ottubru 1992. Lanqas ma huwa kontradett li l-oggetti mertu ta’ din il-kawza huma fost l-oggetti li gew esebiti fil-proceduri kriminali ntavolati kontra l-konvenut. Ghalhekk huwa jsostni li din l-azzjoni hija intempestiva peress li ma jistax jigi kkundannat jirrestitwixxi xi haga li mhijiex fil-pussess tieghu.**

**“Il-Qorti tirreferi l-ewwelnett ghall-artikolu sitta (6) tal-Kodici Kriminali (Kap 9) li jipprovdi: ‘*L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra*.’ Is-sinifikat ta’ dan l-artikolu huwa car: il-wahda ma twaqqafx lill-ohra, l-azzjoni kriminali ma twaqqafx l-azzjoni civili u l-azzjoni civili ma twaqqafx l-azzjoni kriminali, u jimxu indipendentement minn xulxin. Lanqas ma hu sorprendenti li t-tnejn jistghu jaslu ghal konkluzjonijiet li mid-dehra jkunu kontradittorji; dan minhabba l-grad differenti ta’ prova li hu mehtieg li jintlahaq, u cioè fl-azzjoni kriminali *beyond a reasonable doubt* u fl-azzjoni civili *on a balance of probability*.**

**“Dwar il-kwistjoni ta’ pussess, il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 524 tal-Kodici Civili li jipprovdi testwalment hekk:**

**‘*(1) Il-pussess huwa d-detenzjoni ta’ haga korporali jew it-tgawdija ta’ jedd, li taghhom tista’ tinkiseb il-proprjetà, u li wiehed izomm jew jezercitah bhala tieghu nnifsu.***

***(2) Persuna tista’ tippossjedi bil-mezz ta’ haddiehor illi jzomm il-haga jew jezercita l-jedd fl-isem ta’ dik il-persuna.***

***(3) Min ghandu haga mizmuma ghandu jew taht idejh, izda f’isem haddiehor, jissejjah detentur*.’**

**“Il-konvenut huwa l-possessur ta’ l-oggetti esebiti fil-proceduri kriminali kontra tieghu. Il-Qorti qieghda tiddetjeni dawk l-oggetti taht il-kustodja taghha sabiex eventwalment jigu rtirati minn min ghandu dritt jehodhom. Ghalhekk decizjoni minn din il-Qorti dwar it-tieni talba attrici fdan l-istadju, anke qabel ma taghti s-sentenza definittiva taghha l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, hi bla dubbju ta’ xejn mhux biss possibbli imma anke ammissibbli.**

**“Ghaldaqstant l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut huma michuda.**

**“<u>Dwar il-mertu</u>**

**“Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jghid hekk:**

**‘Dwar il-premessi tal-atturi fic-citazzjoni specifikatament li nsterqu kwantità ta’ hwejjeg minghandhom li eventwalment instabu ghand il-konvenut, l-esponent jidhirlu li hemm provi ezawrenti: l-istima li kienet saret meta miet il-Markiz Daniel Testaferrata Bonici Ghaxaq (dok. AM1) ix-xhieda ta’ Anna Maria Spiteri Debono, Maria Testaferrata Bonici, kif ukoll ta’ ufficjali mill-Korp tal-Pulizija: Daniel Gatt, Joseph Schembri u Joseph Mallia ma jistghux ihallu dubbju. Ghalhekk l-esponent ma ghandu l-ebda ezitazzjoni biex jaqbel ma’ l-atturi li l-oggetti kollha elenkati fil-listi Dok. JP1 u Dok. JP2 esebiti mill-ufficjal tal-Qorti Joseph Portelli huma ta’ l-atturi. Dawn iz-zewg listi saru fil-mori tal-proceduri kriminali, li ttiehdu kontra l-konvenut billi l-atturi identifikaw dak li allegatament kien taghhom. Jidher ukoll li l-konvenut mhux qed jichad li l-hwejjeg li nstabu**

**ghandu kienu qabel tal-atturi. Id-difiza tieghu hija li *akkwista skond il-ligi u in buona fede.***

**'Fl-i*statements* li saru meta l-konvenut kien arrestat qabel il-proceduri kriminali (Dok DG1 sa DG5) il-konvenut ammetta minghajr tlaqliq li kien jixtri anke hwejjeg gejjin minn serq. Dawn l-i*statements* gew esebiti f'dawn il-proceduri civili wkoll u kull ma qal il-konvenut dwarhom kien li Daniel Gatt kien ivvinta hafna affarijiet.**

**'L-esponent qara u rega' qara l-isqarrijiet. Bazikament, jidher li l-konvenut rarament akkwista skond il-ligi u in buona fede. Anzi kien jaf ben tajjeb, ghax min beghlu qallu, li l-maggoranza tal-affarijiet kienu gejjin minn serq. L-esponenti ma jidhirlux li ghandu jiskarta dak li hemm f'dawn l-i*statements* izjed u izjed meta l-konvenut m'allega qatt li kellu xi ricevuti ta' oggetti fil-listi Dok. JP1 u Dok. JP2. Li dawn l-affarijiet kienu fil-pussess tieghu mhux qed jichad. Anzi qed jghid li huma tieghu. Ma jiftakarx minghand min xtrahom u m'ghandux ricevuta. L-esponenti ma jista' jsib l-ebda buona fede u f'kaz bhal dan ovvjament ma jghaddix it-titlu ta' propjetà fihom u s-sid jista' jitlobhom lura minghajr ma jindinizza (*sic*) lill-konvenut.**

**'Ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha fis-sens li l-oggetti kollha elenkati fid-Dok. JP1 u Dok. JP2 formanti parti mill-lista Dok A esebita mac-citazzjoni ghandhom ikunu kunsidrati bhala li kienu u ghadhom propjetà tal-atturi.'**

**"Id-difensur tal-konvenut ikkritikat fit-tul il-konkluzjoni tal-perit legali (ara traskrizzjoni tat-trattazzjoni minnha maghmula). Il-Qorti kkunsidrat kemm is-sottomissjonijiet taghha kif ukoll dawk tal-perit legali u ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li ngabu mill-partijiet u tixtieq taghmel dawn il-kunsiderazzjonijiet:**

**(1) L-istqarrijiet tal-konvenut u li gew esebiti fil-proceduri kriminali kontra tieghu huma certament**

**ammissibbli bhala prova. Dan jipprovdieh l-artikolu 632(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).**

**(2) Is-Supretendent Daniel Gatt (li fi zmien l-investigazzjoni relattiva kien l-Ispettur investigatur) esebixxa hames stqarrijiet (Dok. DG1 sa DG5) li ddikjara li kienu stqarrijiet maghmula mill-konvenut.**

**(3) Il-konvenut xehed li fl-istqarrijiet hemm hafna diskors li vvintah l-Ispettur Gatt u spjega paragrafu paragrafu ta' kull stqarrija ma' x'hiex jaqbel u ma' x'hiex ma jaqbilx. Il-Qorti hija tal-fehma li b'din ix-xiehda l-konvenut ghamel ezercizzju ta' *pick and choose*. U anki f'tali ezercizzju nsibu certi kontradizzjonijiet: per ezempju: Fid-Dok. DG1 hemm indikat li l-konvenut qal li kien xtara zewg kalcijiet minghand wiehed tat-*taxi* jghidulu l-Ginger minn Hal-Qormi; fis-seduta peritali tal-15 ta' Ottubru 1995 il-konvenut xehed li jaqbel ma' dan id-diskors. Fid-Dok. DG2 hemm indikat li qal li xtara minghand il-Ginger zewg kalcijiet, zewg pateni u gabarrè bis-saqajn u li xtrahom ghal Lm350 filwaqt li zukkariera tal-fidda xtraha minghand l-istess persuna ghal Lm450; fis-seduta peritali ta' l-1 ta' Novembru 1995 imbaghad ighid li minghand il-Ginger xtara b'kollox tliet kalci bil-plattini taghhom u xi lampieri tal-fuhhar antiki. Fl-*affidavit* tieghu jghid b'mod generali li minghand il-Ginger kien jixtri xi affaraijiet tal-fidda tal-knisja fosthom kalcijiet u xi affarijiet ohra li l-atturi qed jallegaw li huma taghhom. Il-Ginger ma ttellax jixhed!**

**(4) Fl-*affidavit* tieghu l-konvenut jaghmel riferenza ghal numru ta' nies li minghandhom ighid li kien jakkwista l-antikitajiet. Huwa kellu kull opportunità jtella' xhieda biex jikkorroboraw il-verzjoni tieghu. Izda huwa tella' biss lil Joseph Buttigieg li xehed dwar l-interess tal-konvenut fil-bolli, fil-muniti 'u kultant ukoll xi affarijiet antiki bhal korrispondenza antika' u lill-Avukat Dottor Renè Frendo Randon li xehed dwar il-fatt li l-konvenut kien jislef il-flus u dan jew billi d-**

**debitur jaghti ipoteka fuq att pubbliku jew billi jaghti xi rahan minflok ipoteka. Huwa minnu li l-konvenut esebixxa wkoll numru ta’ skritturi u kuntratti li jissostanzjaw il-fatt li kien jislef il-flus, izda ma jidentifikax il-provenjenza ta’ l-oggetti li l-atturi ppruvaw li kienu taghhom (salv ghar-riferenza vaga ta’ xi akkwisti minghand il-Ginger u zewg arloggi minghand certu Guzè Schembri).**

**(5) Id-difensura tal-konvenut ilmentat mill-fatt li l-konvenut ma thalliex iressaq xhieda dwar xi oggetti tal-fidda li l-atturi identifikaw bhala taghhom u li fi proceduri ohrajn ta’ terzi kontra l-istess konvenut dawn it-terzi identifikaw ukoll bhala taghhom. Din it-talba ma setghetx titqies bhala wahda serja meta saret wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza u, kif digà gie osservat, il-konvenut kellu kull possibiltà li jressaq il-provi tieghu fiz-zmien propizju.**

**(6) Mill-provi jirrizulta li l-atturi sfaw misruqa u li numru sostanzjali ta’ oggetti gew minnhom identifikati (specifikatament l-oggetti elenkati fil-listi Dok. JP1 u JP2). Il-konvenut ma rnexxilux jipprova li huwa akkwistahom *in buona fede*. Fl-isqarrija Dok. DG4 hemm dikjarazzjoni sinjifikattiva hafna u li huwa ma kkontradixxiex: ‘*Irrid nghid li jien meta nara xi haga antika, hi x’inhi, sew jekk arlogg, fidda, deheb, ghamara, tkun xi tkun, jien nghama wara dawn l-affarijiet. Kont inkun irridhom ghalija biex inkun nista’ nitpaxxa nhares lejhom*.’ Kull kumment iehor hu superfluwu. Fil-konvenut il-Qorti ghalhekk tara l-figura tar-ricettatur.**

**“Ghaldaqstant l-ewwel zewg talbiet ta’ l-atturi ghandhom jigu milqugha.**

**“L-atturi qed jitolbu wkoll li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni li sofrew minhabba s-serq jew ricettazzjoni ta’ l-oggetti in kwistjoni. Il-perit legali jghid hekk:**

**'Irrizulta mill-provi li mhux l-oggetti kollha li nsterqu minghand l-atturi kienu instabu fid-dar tal-konvenut. Izda nstabu kwantità ta' ingotti u l-atturi qed isostnu li dawna l-ingotti kienu, naturalment qabel ma saru ingotti, affarijiet tal-fidda li kienu nsterqu minghandhom li dewweb il-konvenut stess u li ghalhekk il-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni, liema danni huma l-valur li seta' kellhom qabel ma ddewbu. L-atturi pprezentaw lista ta' dawk l-affarijiet li skond huma huma neqsin mid-dar u kappella taghhom u li ma nsabux ghand il-konvenut li giet markata bhala Dok AGP1.**
**Bhala prova fuq dina l-allegazzjoni jirrizulta s-segwenti:**

**'a) A fol 15 ta' Dok DG6 esebit mill-Supretendent Daniel Gatt hemm *item* DG443 deskritt bhala hdax il-blokka tal-fidda, sitta zghar, hamsa kbar. L-*item* ta' warajh - Dok DG444 huwa *Ghodda tat-tidwib - Spiritira, borma u ferno*. Dawna gew elevati minghand il-konvenut li mhux qed jichad.**

**'b) L-ingotti jidhru li huma *home-made* u kien fihom xi tracci ta' deheb li juri li xi oggetti kienu tal-fidda u indorati.**

**'c) L-ingotti gew analizzati biex jigi determinat il-kontenut ta' fidda li fihom. Ittiehed kampjun minn kull wahda. Irrizulta skond il-relazzjoni ta' Victor J. Galea datata 10 ta' Jannar 2000 u mahlufa *seduta stante* fit-28 ta' Lulju 2000 li dawk enumerati 6 sa 11 kellhom ammont sostanzjali ta' fidda mentri l-ohrajn kellhom anqas. Però kollha kien fihom ammont ta' fidda.**

**'d) Il-fatt li ghand il-konvenut instabu xi bicciet ta' affarijiet u mhux il-kumplament, bhal fil-kaz imsemmi minn Anna Spiteri Debono fix-xhieda taghha fejn instab l-anglu biss ta' l-ostensorju. Dawna kienu imwahhlin ma' xulxin u ghalhekk wiehed bilfors irid jipprezumi li nsterqu bhala haga wahda u gew akkwistati mill-konvenut flimkien. L-istess japplika**

**ghas-salib tal-injam li kellu imsiemer u raggiera tal-fidda liema bicciet tal-fidda instabu ghand il-konvenut.**

**‘L-esponenti haseb fit-tul fuq dawna l-provi. M’hemm l-ebda prova li kien il-konvenut stess li seraq l-affarijiet minghand l-atturi jew li organizza dina s-serqa. Però hemm provi abbundanti li (a) il-hwejjeg indentifikati bhala tal-atturi kienu fil-fatt taghhom u li kienu fil-pussess tal-konvenut in mala fede (b) il-konvenut kien idewweb il-fidda l (*sic*) nstabu kemm l-ghodod kif ukoll l-ingotti.**

**‘Il-konvenut ipprova jiggustifika l-ezistenza tal-ingotti fid-dar tieghu billi jghid li xtara minghand pensjonant Ghawdxi li ma nafux x’jismu u minn ghand wiehed jismu Saver li kien imur il-hanut tieghu.**

**‘Minghand dan ta’ l-ahhar xtara wkoll fided tal-Knisja ta’ Bormla li jghid li kien irritorna lill-istess Knisja. Il-konvenut naqas li jipproduci lil dan l-Ghawdxi, jew lil Saver jew xi rappresentant tal-Knisja ta’ Bormla biex almenu dak li allega jigi korroborat. Fl-opinjoni tal-esponenti l-konvenut ma ta l-ebda spjegazzjoni kredibbli kif kienu ghandu dawn l-ingotti li jidher car anki ghal min mhux espert li huwa xoghol li zgur ma sarx f’xi fabbrika. L-anqas biss ipprova l-presenza tal-anglu tal-ostensorju. Ghalhekk huwa ferm probabbli li qabel ma iddewbu kienu oggetti tal-fidda misruqin minghand l-atturi u mixtrija in mala fede flimkien ma’ l-ohrajn mill-konvenut li kienu lahqu iddewbu biex tintilef l-identità taghhom.**

**‘L-esponenti ihoss ghalhekk li *on a balance of probabilities* l-atturi irnexxielhom jaghmlu l-prova kemm li l-ingotti kienu, qabel ma saru ingotti, oggetti tal-fidda kif ukoll li kienu jiffurmaw parti mill-fided li kellhom fid-dar taghhom *Æedes Danielis* u l-kappella li hemm maghha elenkati fil-lista Dok. AGP1. Ghalhekk it-tielet talba ghandha tigi milqugha ukoll billi l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi talli zamm ghandu in mala fede hwejjeg**

**li gie stabbilit kienu tal-atturi u ttiehdu b'serq kif ukoll ghal hsara li ghamel meta dewweb oggetti li kienu wkoll insterqu minghand l-atturi u li kienu fil-pussess tieghu'.**

**"Il-Qorti hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet tal-perit legali u tad-difensuri tal-partijiet, izda ssib li ma tistax tikkonkludi mod iehor milli kkonkluda l-perit legali. Hawn ukoll difatti kienet evidenti l-assenza totali ta' evidenza korroboratorja da parti tal-konvenut dwar il-provenjenza tal-ingotti. Is-sejba ta' ghodda biex tiddewweb il-fidda ghand il-konvenut issahhah il-konvinzjoni taghha li dak li qal fl-istqarrija tieghu Dok DG3 kienet il-verità. Ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li sofrew l-atturi, liema danni ghandhom jikkonsistu fil-valur ta' l-oggetti tal-fidda misruqa u li ma gewx elevati minghand il-konvenut fl-istat originali (manifatturat) taghhom. Inoltre l-Qorti taqbel li ghandu jkun il-valur ta' l-oggetti elenkati fir-relazzjoni ta' Alaine Apap Bologna peress li fl-ebda waqt ma cahad il-konvenut li dawk l-oggetti kienu fil-pussess tieghu. Ghalhekk id-danni qed jigu likwidati fl-ammont komplessiv ta' Lm64,870, u cioè il-valur moghti mill-imsemmija Alaine Apap Bologna; dan peress li minn ezami tar-rapport taghha huwa car li fil-valutazzjoni taghha kienet moderata u gusta. U l-konvenut ghandu jhallas dan l-ammont lill-atturi.**

**"<u>Ir-rikors tal-konvenut ta' l-1 ta' Gunju 2000</u>**

**"Jonqos biex jigi deciz ir-rikors tal-konvenutipprezentat fl-1 ta' Gunju 2000 dwar it-tassazzjoni tad-drittijiet tal-perit tekniku Victor Galea. Huwa minnu li r-relazzjoni pprezentata minnu tikkonsisti f'pagna wahda izda x-xoghol mehtieg biex janalizza l-kampjuni li huwa ha mill-ingotti (li skond l-istess relazzjoni jinsabu depozitati l-Bank Centrali) huwa wieded delikat u li jinnecessita l-uzu ta' processi kimici specjalizzati. Ghalhekk ma ssibx ragunijiet bizzejjed biex tvarja t-tassazzjoni li saret ta' l-istess relazzjoni.**

**"It-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenut ta' l-1 ta' Gunju 2000 hi ghaldaqstant michuda."**

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi revokata s-sentenza appellata u illi minflok jigu milqugha l-eccezzjonijiet tieghu, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-kontroparti appellata;

Rat ir-risposta ta' l-atturi illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi jigi michud l-appell tal-konvenut appellanti u illi tigi konfermata s-sentenza appellata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra tieghu;

Ezaminat fid-dettal l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellant kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti kellha tilqa' u mhux tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut;

2. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell:
"… il-perit legali, li abbazi tar-rapport tieghu il-Qorti [ta' prim' istanza] ghaddiet ghas-sentenza, jistrieh fuq xhieda u provi … illi qatt ma jistghu ikollhom piz f'proceduri civili."

3. Illi l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas tad-danni illi sofrew l-atturi ghar-rigward ta' l-oggetti misruqa in kwistjoni u illi baqghu ma nstabux mill-pulizija;

4. Illi, fi kwalunkwe kaz, kwantu ghall-likwidazzjoni tad-danni, fi kliem ir-rikors ta' appell:
"… hemm dubbju dwar kemm hija wahda gusta il-likwidazzjoni maghmula u il-mod kif giet maghmula. Hawnhekk wiehed qed jitkellem fuq ammont kbir ta' flus li ma jistax jigi stabbilti [*recte*: stabbilit] abbazi ta' supposizzjonijiet."

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija s-segwenti:
“Fl-ewwel lok, l-intempestività ta’ l-azzjoni proposta, peress li kif jirrisulta mill-istess citazzjoni, l-oggetti huma mizmuma taht l-awtorità tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u dan in forza tal-ligi.”

Minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti rrespingiet din l-eccezzjoni a bazi ta’ dak illi jipprovdi l-artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri illi:
“L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra.”

Jirrizulta illi l-oggetti illi jissemmew fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienu qed jinzammu taht l-awtorità tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) in vista ta’ azzjoni kriminali rigward l-istess oggetti istitwita kontra l-konvenut. Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet korretta illi, in forza tac-citat artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Inoltre, tajjeb illi jigi rilevat illi, filwaqt illi, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, il-konvenut intavola l-ewwel eccezzjoni tieghu ghaliex l-azzjoni kriminali illi ghadha kemm issemmiet kienet ghadha pendenti, din l-azzjoni issa ilha definitivament determinata mit-tletin (30) ta’ Ottubru, 2001, kif jirrizulta mill-kopja legali tas-sentenza (Dok. XX) tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Francis Vella* esibita permezz ta’ nota kongjuntiva tal-kontendenti, ipprezentata fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Ottubru, 2004 fuq talba ta’ dina l-Qorti maghmula waqt l-udjenza ta’ l-istess data;

Ghaldaqstant, l-ewwel (1) aggravju ta’ l-appellant, kwantu jirrigwarda c-cahda ta’ l-ewwel eccezzjoni tieghu, mhux fondat;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi t-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut hija s-segwenti:

"Certament it-tieni talba ma tistax tigi kiunsidrata [*sic*] peress li fic-citazzjoni stess jinghad li l-oggetti jinsabu taht l-awtorità tal-Qorti."

It-tieni (2) talba attrici hija fis-sens illi:
"… l-konvenut jigi ikkundannat illi jirrestitwixxi lill-atturi l-oggetti li jigu determinati minn din l-Qorti li huma proprjetà tal-atturi u li gew elevati minn ghandu mill-Pulizija";

M'hemmx dubbju illi dawn l-oggetti "li gew elevati minn ghandu [minghand il-konvenut] mill-Pulizija" gew esibiti fil-proceduri kriminali hawn fuq imsemmija. Dawn il-proceduri, kif già inghad, gew definitavament determinati premezz tas-sentenza dokument XX. Minn dak illi gie deciz permezz ta' din is-sentenza jirrizulta illi, <u>illum</u>, il-konvenut appellant la ghandu u anqas jista' jkollu pussess ta' dawk fost l-oggetti imsemmija f'dan il-paragrafu illi l-atturi jippretendu illi huwa taghhom. Konsegwentement, <u>illum</u>, il-konvenut ma jistax jigi kundannat sabiex "jirrestitwixxi lill-atturi l-oggetti li jigu determinati … li huma propjetà tal-atturi u li gew elevati minn ghandu mill-Pulizija". Konsegwentement, fl-istat attwali tal-fatti, hemm lok ghal akkoljiment tat-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut u ghac-cahda tat-tieni (2) talba attrici. Tajjeb illi jinghad ukoll illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, la darba meta giet pronunzjata s-sentenza appellata il-konvenut kien fl-impossibilità illi jirrestitwixxi l-imsemmija oggetti ghaliex ma kienux fil-pussess tieghu, l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tirrespingi t-tieni talba attrici; dan sejjer jittiehed in konsiderazzjoni ghar-rigward tal-kap ta' l-istejjes tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tas-sottomissjonijiet maghmula mill-appellant fir-rikors ta' appell sabiex isostni t-tieni (2) aggravju tieghu jirrizulta illi dawk illi l-appellant jikkonsidra bhala "xhieda u provi ohra illi qatt ma jistghu ikollhom piz f'proceduri civili" huma l-istqarrijiet (dokumenti DG1 sa DG5, fol. 279 sa 290) illi l-appellant ghamel lill-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet taghha illi wasslu sabiex jinbdew il-proceduri kriminali kontra l-konvenut imsemmija

aktar 'l fuq. Dwar dawn l-istqarrijiet fis-sentenza appellata, fost affarijiet ohra, jinghad hekk (fol. 184-185):
"L-istqarrijiet tal-konvenut u li gew esebiti fil-proceduri kriminali kontra tieghu huma certament ammissibbli bhala prova. Dan jipprovdieh l-artikolu 632(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

Is-Supretendent Daniel Gatt (li fi zmien l-investigazzjoni relattiva kien l-Ispettur investigatur) esibixxa hames stqarrijiet (Dok. DG1 sa DG5) li ddikjara li kienu stqarrijiet maghmula mill-konvenut" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

L-artikolu 632(1) tal-Kap. 12 jiddisponi hekk:
"Kull dikjarazzjoni maghmula mill-parti kontra taghha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistghu jingiebu bi prova."

Dwar l-artikolu 632(1) tal-Kap. 12 l-appellant jissottometti hekk fir-rikors ta' appell:
"Illi id-disposizzjoni tal-ligi ikkwotata mill-ewwel Qorti u cioè l-artikolu 632(1) tal-Kapitolu 12 bir-rispett kollu ma tistax issib applikazzjoni f'dan il-kaz u dana ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, kif digà inghad l-istqarrijiet ma humiex iffirmati mill-konvenut appellanti u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala dikjarazzjoni min-naha tieghu jew xi konfessjoni. Inoltre dawn ittiehdu fil-kors ta' investigazzjoni kriminali u gew anke esebiti fil-process kriminali u ghalhekk ma jistghux jingiebu bhala prova fil-kamp civili kif inghad iktar 'il fuq."

Illi dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi, peress illi l-istqarrijiet in kwsitjoni m'humiex iffirmati minnu, l-artikolu 632(1) tal-Kap. 12 ma japplikax ghalihom. Dana ghaliex, la darba f'dawn il-proceduri is-Supretendent Daniel Gatt xehed illi l-istess stqarrijiet saru mill-appellant quddiemu, ma hemm ebda raguni ghaliex ma jigux konsidrati bhala dikjarazzjonijiet maghmula mill-appellant, u konsegwentement, ammissibbli bhala prova. Din il-Qorti trid taghmilha cara illi *stava* ghall-ewwel Qorti jekk temminx dak - jew x'temmen minn dak - illi jirrizulta mill-istess stqarrijiet;

Jidher illi l-appellant qed jibbaza s-sottomissjoni tieghu illi l-istqarrijiet in kwistjoni “ma jistghux jingiebu bhala prova fil-kamp civili” ghaliex “ittiehdu fil-kors ta’ investigazzjoni kriminali u gew anke esebiti fil-process kriminali” fuq dak illi jiddisponi l-artikolu 6 tal-Kodici Kriminali. Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, il-fatt illi dan l-artikolu jiddisponi illi: “L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra” ma jfissirx illi provi illi jittressqu fil-kors ta’ proceduri kriminali ma jistghux jitressqu fil-kors ta’ proceduri civili analogi;

Huwa xieraq illi jinghad ukoll illi, meta gew esebiti l-istqarrijiet in kwistjoni fil-pendenza tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ma ressaq ebda oggezzjoni ghall-produzzjoni taghhom. Kien biss wara illi kien gie konkluz l-istadju tal-gbir tal-provi illi l-abili difensur ta’ l-appellant, waqt illi kienet qed taghmel sottomissjonijiet orali quddiem l-ewwel Qorti qalet:
“Jien nitlob li l-Qorti ma taghtihomx piz [lill-istqarrijiet] ghaliex dawn qatt ma jistghu jingiebu bhala prova fil-kamp civili …”;

Illi, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, it-tieni (2) aggravju ta’ l-appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-tielet (3) aggravju tieghu l-appellant ghamel sottomissjonijiet fil-partijiet tar-rikors ta’ appell intestati “IT-TALBA DWAR ID-DANNI” u “L-ASPETT LEGALI IN KONNESSJONI MAR-RESPONSABBILTA` TAL-KONVENUT GHAD-DANNI”.

Dak kollu illi jinghad taht l-ewwel intestatura jammonta ghas-sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti fir-rigward. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat dettaljatament il-provi prodotti, ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament ta’ l-istess provi maghmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. *Ciò nonostante*, tajjeb illi dina l-Qorti tirreferi ghas-segwenti silta mill-parti tar-rikors ta’ appell intestata “IT-TALBA DWAR ID-DANNI”:

"Kieku wiehed kellu jaccetta l-ipotesi illi l-konvenut dewweb l-oggetti kollha tal-fidda illi nsterqu minn ghand l-atturi (38 *items* b'kollox - Dokument AGP1) u ma nstabux kieku l-ingotti certament ma kenux ikunu biss hdax, izda kienu ikunu ferm aktar!"

F'dan ir-rigward dina l-Qorti ticcita u taghmel taghha dak illi kellhom xi jghidu l-atturi fir-risposta ta' appell taghhom (ghalkemm id-dicitura mhix daqstant felici):
"… il-fatt illi nstabu biss hdax il-ingott tal-fidda fil-pussess tal-konvenut appellant u li [mil]l-ammont ta' oggetti mdewba johorgu numru ikbar ta' ingotti ma jikkostitwixxi l-ebda prova favur it-tezi tal-konvenut appellant u dan peress illi fit-trapass taz-zmien minn meta ddewbu l-oggetti sa meta l-Pulizija sabu l-ingotti fil-pussess tal-konvenut, l-istess konvenut setgha ddispona kif ried hu mil-bqijja ta' l-ingotti li kien hareg mill-oggetti mdewba."

Fil-parti tar-rikors ta' appell intitolata "L-ASPETT LEGALI IN KONNESSJONI MAR-RERSPONSABBILTÀ TAL-KONVENUT GHAD-DANNI" l-appellant qed jissottometti illi huwa ma jistax jigi tenut responsabbli ghad-danni in kwistjoni; dana minhabba dak illi jiddisponi l-artikolu 1044 tal-Kodici Civili, jigifieri:
"Ghall-hsara maghmula kontra s-sewwa, iwiegbu wkoll dawk li bi hsieb maghmul ikunu hadu sehem fiha b'pariri, b'theddid jew bi kmandi."

Din is-sottomissjoni mhix valida ghal raguni semplici hafna: l-artikolu invokat mill-appellant jittratta dwar komplicità meta tigi kkawzata "hsara maghmula kontra s-sewwa". Fil-kaz in ezami, l-appellant, ghal dak illi jirrigwarda d-danni kawzati, huwa principal u mhux komplici;

Ghar-ragunijiet hawn imsemmija, anqas it-tielet (3) aggravju ta' l-appellant ma huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghar-raba’ (4) aggravju ta’ l-appellant, dak illi jirrigwarda il-likwidazzjoni tad-danni, tajjeb illi jinghad mill-ewwel:

(i) illi l-Qorti llikwidat dawn id-danni a bazi tal-valutazzjoni maghmula mill-espert minnha nominata, Alaine Apap Bologna (fol. 129 sa 142);

(ii) illi ma jirrizultax illi l-konvenut talab in-nomina ta’ esperti addizzjonali sabiex ikun jista’ jikkumbatti l-imsemmija valutazzjoni;

(iii) illi l-appellant huwa skorrett meta fir-rikors ta’ appell, ghar-rigward ta’ l-informazzjoni illi kellha disponibbli ghaliha l-espert sabiex taghmel il-valutazzjoni taghha, jghid:
“Inoltre ix-xhieda moghtija minn Anna Maria Spiteri Debono in konnessjoni ma’ dawn l-oggetti imkien ma tinstab fil-process.”

Fil-fatt, l-original tad-depozizzjoniet in kwistjoni ta’ l-attrici Anna Maria Spiteri Debono jinsabu a fol. 390 *tergo* sa 392 u t-traskrizzjoni dattilografata ta’ dawn id-depozizzjonijiet tinsab a fol. 260 sa 262;

Dan premess, dina l-Qorti ma ssib ebda raguni sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta abbraccjat l-imsemmija valutazzjoni ta’ l-espert Alaine Apap Bologna. Dina l-Qorti qed tghid dan filwaqt illi konxja mid-diffikultajiet illi necessarjament kienet rinfaccjata bihom l-istess espert sabiex taqdi l-inkarigu taghha. Dawn id-diffikultajiet, però, holoqhom il-konvenut stess meta ghazel illi jdewweb l-oggetti illi taghhom l-istess espert intalbet illi taghmel stima. Dan huwa kaz ta’ *chi è causa del suo mal pianga se stesso*. M’hemmx dubbju illi fost id-diffikultajiet illi ghadhom kemm issemmew hemm dawk illi l-appellant fl-aggravju in ezami ghazel li jsejhilhom “supposizzjonijiet”;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rikors ta' appell l-appellant jilmenta dwar ic-cahda tat-talba illi huwa ghamel quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' rikors intavolat fl-ewwel (1) ta' Gunju, 2000. Din ic-cahda saret permezz ta' digriet inkorporat fis-sentenza appellata. Dan l-ilment mhux gustifikat ghas-segwenti ragunijiet:

(i) *ai termini* ta' l-artikolu 667(2) tal-Kap. 12, it-talba in kwistjoni - illi saret qabel ma giet deciza l-kawza - kellha ssir permezz ta' nota u mhux permezz ta' rikors;

(ii) fil-fehma ta' dina l-Qorti, anke jekk jigi konsidrat illi l-kliem ta' l-artikolu 667(3) tal-Kap. 12 "ghandu jinstama' mill-qorti b'mod sommarju" japplika ukoll ghall-artikolu 667(2) ta' l-istess Kap.12, jista' jinghad illi dan il-vot tal-ligi gie sodisfatt ghaliex minn meta r-rikors gie intavolat sakemm gie dekretat fis-sentenza appellata ghaddiet sena skorruta u, fl-intervall, l-appellant la interessa ruhu illi jitlob illi jinstema' l-perit tekniku koncernat u l-atturi, u anqas talab illi jixhed huwa stess. Ghalhekk, l-ilment ta' l-appellant illi "… l-ewwel Qorti iddecidiet billi tichad ir-rikors … minghajr biss ma semghet la lill-perti [*recte*: perit] u wisq anqas lill-partijiet …" jammonta biss ghal dmugh tal-kukkudrilli. Huwa evidenti illi meta l-ewwel Qorti giet sabiex tippronunzja s-sentenza appellata - naturalment wara illi l-gbir tal-provi <u>kollha</u> kien konkluz - irrealizzat illi kien ghadu ma inghatax provvediment dwar it-talba kontenut fl-imsemmi rikors ta' l-ewwel (1) ta' Gunju, 2000 u, konsegwentement, ipprovdiet dwar dan ir-rikors fis-sentenza appellata. Jixraq illi ghal dan l-ewwel Qorti tigi mfahhra u mhux censurata!

(iii) dina l-Qorti taqbel mal-provvediment illi tat l-ewwel Qorti dwar it-talba kontenuta fir-rikors in ezami;

Ikkunsidrat:

Illi, fl-ahharnett, a skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi, la darba l-appellant ma talabx illi jigi revokat jew emendat id-digriet ta' l-erbgha (4) ta' April, 2001 (fol. 157), illi minnu jirrizulta illi ma gietx milqugha t-talba tal-konvenut sabiex jipproduci provi addizzjonali

wara illi kien gie konkluz il-gbir tal-provi, f'dan il-gudikat dina l-Qorti ma hadet konjizjoni ta' ebda sottomissjoni maghmula mill-appellant illi tirrigwarda fatti illi ma jirrizultawx mill-provi prodotti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell bil-mod segwenti: (1) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata limitatament in kwantu cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, in kwantu laqghet it-tieni talba attrici, kif ukoll thassarha u tirrevokaha dwar il-kap ta' l-ispejjez; (2) u minflok tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-tieni talba attrici; u (3) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tordna illi l-ispejjes kollha tal-kawza, kemm dawk ta' l-ewwel istanza u kemm dawk ta' din l-istanza, jigu sopportati kwantu ghal decima parti (1/10) mill-atturi appellati u kwantu ghal disgha partijiet minn ghaxra (9/10) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------